# *L-AĦĦAR TAQBIDA TAL-1565*

*...... u lkoll flimkien, bħal aħwa talbu s-Sema*
*sabiex l-għajnuna jtihom fit-taqtigħa*
*li kellha tkun għall-art li twieldu fiha*
*ir-rebħa li għad-dwiem tibqa' tinstema';*

*u l-ommijiet, l-ulied, sofor bħax-xema',*
*kif raw lil ħuthom sejra f'dik is-siegħa*
*bil-ħies li jiksbu rebħa kbira u biha*
*arthom tifħir ikollha, ngħaqdu f'ġemgħa.*

*Telqu għal fuq l-iswar biex ma' l-egħdewwa*
*tagħhom, tad-Din, jeħduha bl-akbar ħila*
*u biex jeħilsu 'l Malta minn kull dnewwa.*

*Ma qiesu xejn! Għad-demm għalqu għajnejhom*
*u bdew dik it-taqbida wisq qalila*
*bil-Bajda-u-Ħamra tperper ġewwa idejhom.*

* * *

*Bil-Bajda-u-Ħamra tperper ġewwa idejhom*
*bdew jitfgħu—b'saħħa kbira—mill-iswar:*
*ċnagen, żift jagħli, zkuk u kullma ħdejhom*
*sabu hemm f'dak il-ħin qalil ta' mrar;*

*mingħajr ma beżgħu xejn; mingħajr ħaddejhom*
*ma mtlew bid-dmugħ: qalbiena dak in-nhar*
*baqgħu jitqatlu u jitfgħu taħt riġlejhom*
*lit-Tork mifluġ li dgħajjef ħdejhom sar.*

*Stennew is-sebħ biex jagħtu tmiem ta' l-aħħar*
*ġlieda mill-qliel: tal-ġlied l-eħrex tifkira:*
*jew jum ta' telf, jew jum li jibqa' mfaħħar.*

*U reġgħu tqabdu annuna, b'fehma sħiħa,*
*u tefgħu tgħum ġo demmha l-kotra l-kbira*
*u għajtu ferħanin: "Malta Rebbieħa!"*

N. BIANCARDI.